

32003R0561

L 82/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.3.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 561/2003
tas-27 ta' Marzu 2003**

li jemenda, għal dak li għandu x'jaqşam mal-eċċezzjonijiet għall-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 60, 301 u 308 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/402/PESK tas-27 ta' Mejju 2002 rigward miżuri restrittivi kontra Usama bin Laden, membri ta' l-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban u individwi oħra, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tirrevoka l-Poizzjonijiet Komuni 96/746/PESK, 1999/727/PESK, 2001/154/PESK u 2001/771/PESK ⁽¹⁾,

Wara li kkonsidra l-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/140/PESK tas-27 ta' Frar 2003 rigward eċċezzjonijiet għall-miżuri restrittivi imposti mill-Posizzjoni Komuni 2002/402/PESK ⁽²⁾,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽³⁾,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) Il-Posizzjoni Komuni 2002/402/PESK tippredvi, inter alia, li l-Komunità Ewropea għandha tieħu ċerti miżuri restrittivi, inkluż l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, skond ir-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999), 1333 (2000) u 1390 (2002) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) L-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi ġie implementat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 ⁽⁵⁾.
- (3) Permezz tar-Riżoluzzjoni tiegħu 1452 (2002) ta' l-20 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill tas-Sigurtà ppermetta ċerti eċċezzjonijiet għall-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi bir-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999), 1333 (2000) u 1390 (2002).

⁽¹⁾ ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 53, tat-28.2.2003, p. 62.

⁽³⁾ Proposta tat-3.2.2003 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Proposta tat-13.3.2003 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 9; Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2003 (ĠO L 62, tas-6.3.2003, p. 24).

- (4) B'konsiderazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1452 (2002) hemm bżonn li jkunu aġġustati l-miżuri imposti mill-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu li ġej għandu jiġi inserit fir-Regolament (KE) Nru 881/2002:

“Artikolu 2a

1. L-Artikolu 2 mhux se japplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi fejn:

- (a) xi awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri, kif imniżżla fl-Anness II, iddeterminat, fuq talba magħmula minn persuna naturali jew legali konċernata, li dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi huma:

- i) neċessarji biex ikunu koperti spejjeż bażiċi, inkluż il-ħlas ta' oġġetti ta' l-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums ta' l-assigurazzjoni, u l-ispejjeż għas-servizzi pubbliċi;

- ii) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' miżati xierqa professjonali u għar-rimbors ta' spejjeż li saru għad-dsposizzjoni ta' servizzi legali;

- iii) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' miżati jew ta' servizzi biex jibqgħu jinżammu l-fondi ffriżati u r-riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

- iv) neċessarji għal spejjeż straordinarji; u

- (b) determinazzjoni bħal din ġiet innotifikata lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; u

- (c) (i) fil-każ ta' determinazzjoni taħt punt (a)(i), (ii) jew (iii), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax għad-determinazzjoni fi żmien 48 siegħa min-notifikazzjoni; jew

- (ii) fil-każ ta' determinazzjoni taħt punt (a)(iv), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet approva d-determinazzjoni.

2. Kull persuna li tixtieq tibbenefika mid-disposizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tindirizza t-talba tagħha lill-awtorità kompetenti rilevanti ta' l-Istat Membru kif imniż-żel fl-Anness II.

L-awtorità kompetenti elenkata fl-Anness II għandha tinnotifika mill-ewwel bil-miktub kemm lill-persuna li għamlet it-talba, kif ukoll lil kull persuna, korp jew entita' magħrufa li huma direttament konċernati, jekk it-talba intlaqgħetx.

L-awtorità kompetenti għandha tinforma wkoll lil Stati Membri oħra jekk it-talba għal eċċezzjoni bħal din intlaqgħetx.

3. Il-fondi maħruġa u trasferiti għol-Komunità stess sabiex jint-laħqu l-ispejjeż jew li huma rikonoxxuti bis-saħħa ta' dan l-Artikolu mhux se jkunu suġġetti għal iktar miżuri restrittivi skond l-Artikolu 2.

4. L-Artikolu 2(2) m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

- (a) interessi jew qliegħ ieħor dovuti fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet li feġġew qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru suġġetti għad-disposizzjonijiet tar-

riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurta' tal-UN li ġew implementati suċċessivament permezz tar-Regolament (KE) Nru 337/2000 (*), ir-Regolament (KE) Nru 467/2001 (**), jew dan ir-Regolament.

Bl-istess mod tal-kont li miegħu huma miżjudin, interessi bħal dawn, qliegħ u pagamenti oħra għandhom ikunu wkoll iffriżati.

(*) ĠU L 43, tas-16.2.2000, p. 1; Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 467/2001.

(**) ĠU L 67, tad-9.3.2001, p. 1; Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 881/2002."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Marzu 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

M. STRATAKIS